



# Aħbar Tajba

Sir 3, 17-20.28-29
Salm 67 (68), 4-5aċ. 6-7ab. 10-11
Lhud 12, 18-19. 22-24a
Lq 14, 1.7-14

"Għax kull min jitkabbar, jiċċekken;
**u min jiċċekken, jitkabbar."**

Qatt smajt l-espressjoni 'qisek bużżieqa'? Forsi kien hemm xi ħadd minn sħabek li weġġa' ftit imma kien qed jagħmel għaġeb kbir u xi ħadd qallu li qisu bużżieqa. Jew forsi kont inti li qed iġġib id-dinja fit-tarf. Imma fil-verità, ħafna minna nġibu ruħna qisna bużżieqa, u mhux għax problema żgħira nonfħuha.

Le, ħafna minna nġibu ruħna bħal bużżieqa għax nieħdu gost nintefħu u ma nitilfu qatt iċ-ċans li nonfħu lilna nfusna! Kif jirnexxilna nagħmlu xi ħaġa tajba, arana f'moħħna nimmaġinaw li m'hawnx bħalna u nippretendu li kulħadd jiġi fuqna u jgħidilna prosit! Jekk skurjajt gowl f'xi logħba akkanita arana nimmaġinaw li konna xi plejers fenomenali, jew inkella kif nitgħallem erba' kordi tal-kitarra nimmaġinani xi stilla!

Mill-banda l-oħra kif infalli f'xi ħaġa nkun qisni dik il-bużżieqa midbiela wara li nfetħitilha l-għoqda u tilfet l-arja kollha!

Imma Ġesù qed jgħidilna li hemm mod ieħor kif ngħixu – mod aħjar u ferm isbaħ. Jgħidilna biex nagħmlu l-almu tagħna kuljum u meta nfallu f'xi ħaġa nippruvaw nagħmlu aħjar d-darba ta' wara filwaqt li meta nirnexxu f'xi ħaġa nkunu kuntenti mingħajr ħafna storbju u arja żejda. U, ejja ngħiduha kif inhi, ħadd ma jieħu gost b'xi ħadd li jħobb jintefaħ bih innifsu. Kif tisimgħu jitkellem, il-ħin kollu jfaħħar lilu nnfisu, ġewwa fik qisu tħoss li hemm xi ħaġa ħażina. L-isfortuna tagħna hi li għalkemm meta ħaddieħor jippretendiha nindunaw, meta naqgħu aħna f'dan l-iżball, mhux bilfors nintebħu! Allura rridu noqogħdu aktar attenti!

Ma rridux ninsew li sabiħa kemm tkun sabiħa bużżieqa minfuħa, faċli mmens li tmiss ma' xi ħaġa u tinfaqa'! U din tista' tiġrilna f'ħajjitna. Ħafna drabi se niltaqgħu ma' sfidi ibsin u jekk kulma jkollna hu arja, quddiem l-isfida nitilfu kollox. Imma jekk jirnexxilna nikbru tassew, l-isfidi mhux se jtellfuna wisq.

Għalhekk fil-qari tal-lum naraw kif nikbru tassew. Barra l-pariri siewja ta' Bin Sirak, Ġesù fl-Evanġelju jgħidilna kif nirbħu l-kburija. Iħeġġiġna biex ma nkunux persuni li nfittxu li nidhru u l-postijiet ta' quddiem imma jgħidilna biex nitħalltu ma' dawk li l-oħrajn iqisu mhux importanti. Ġesù jgħidilna biex nagħmluha mal-iktar sempliċi għax permezz tagħhom nirbħu dan id-difett tal-kburija u hekk flok bżieżaq inkunu tassew l-aħjar li nistgħu nkunu.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

PARABBOLA, FESTA, MISTIEDEN, MEJDA, IKLA, ĠESÙ, POSTIJIET, FOQRA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | H | C | N | I | F | D | R | P | L |
| I | M | L | W | U | T | O | N | I | I |
| M | P | O | S | T | I | J | IE | T | K |
| A | IE | P | S | F | O | Q | R | A | L |
| R | D | O | M | E | J | D | A | Ċ | A |
| A | N | M | I | S | T | IE | D | E | N |
| F | N | I | R | T | E | V | L | O | W |
| S | P | A | R | A | B | B | O | L | A |
| T | R | A | B | GĦ | Ġ | E | S | Ù | Ħ |





## Santu Wistin ta' Ippona

Dan il-qaddis dam jaħrablu lis-Sinjur Alla. Kien mingħalih li kien kuntent kif kien. Imma fil-fond ta' qalbu kien jaf li l-kuntentizza tiegħu ma kinitx sħiħa. Sakemm darba kien qed jisma' prietka u bħal donnu xi ħaġa fil-fond ta' qalbu xegħlet. Minn hemm Wistin qabad triq li wasslitu biex isir Nisrani u bniedem importanti ħafna għall-Knisja. Kiteb fuq ħafna suġġetti differenti għax kien intelliġenti ħafna, imma probabbilment l-aktar kitba famuża tiegħu hi din it-talba ta' hawn taħt.

Lilek biss inħobb, Mulej,
warajk biss irrid nimxi.
Lilek biss irrid infittex,
u lilek biss irrid naqdi.

Nitolbok, Mulej,
ikkmandani dak li trid.
Irrid naqdik bil-ferħ kollu ta' qalbi.
Għaliex mhux l-indiema,
imma l-imħabba
qiegħda ssejjaħli lejk.

Agħmel, Mulej,
li nkun kapaċi nisma'
dak li int tixtieq minni.
Għinni ngħix dak li tikkmandani,
u kkmandani dak li trid.
Agħmel li nsibuk,
għax qabel ma nsibuk, ma nistriħux.

Fik biss tinsab il-hena
u l-mistrieħ tagħna.
Int għamiltna għalik, o Alla,
u qalbna ma ssib qatt kwiet,
jekk ma tistrieħx fik.







Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION